**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA’ ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 203/2022**

**Il-PULIZIJA**
**(Spettur Christian Cauchi)**

**-Vs-**

**YANIKA CUSCHIERI**

**Illum, 23 ta’ Ottubru 2023.**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta’ **YANIKA CUSCHIERI** ta' 27 sena, bint George u Rosita' nee' Galea mwielda nhar it-3 ta ' Gunju 1995 il-Pieta’ residenti gewwa l-fond Bainja Vista, Block 11, Flat 5, Triq G. Dimech Debono, Birkirkara u detentrici ta' numru ta' karta tal- identita ' 238795M li ġiet akkużata talli;

Nhar it-22 ta' Marzu 2022 ghal habta ta' bejn is-13:00 u l-14:30, gewwa l-stabbiliment bl-isem 'Green Corner ' li jinsab fi Triq il-Ħġejjeġ, San Pawl il-Bahar;

1. Ikkommetiet serq ta' portmoni li kien jikkontjeni ammont ta' flus kontanti persuni u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil- valur liema valur mhuwiex izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin

centezmu (€2,329.37) u dan bi ksur tal- Artikoli 261 (c), 267, u 279(a) tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

2. Ukoll talli laqgħet għanda ħwejjeġ misruqa, u cioe' portmoni li kien jikkontjeni ammont ta' flus kontanti f'denominazzjonijiet ta' Ewro misruq ghad-detriment ta' Halima Belrhazi u/jew entitajiet ohra, li gie akkwistat b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b' kull mod li jkun, indahlet biex tbieghu u tmexxiħ u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f'kaz ta' ħtija għal reati hawn fuq imsemmija u jekk jidrilha xieraq tordna lill-ħatja sabiex tirrestitwixxu lill-parti offiza kull haġa minnha misruqa jew li hija xjentement laqgħet b'riċettazzjoni jew akkwistat bi frodi jew qliegh ieħor kontra l-ligi bi hsara ta'  dik il -parti ammont ta' flus kif jista jigi stabbilit mill-Qorti bhala kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghal xi danni jew offiza jew ħsara oħra ai termini ta' l- Artikolu 15A tal-Kap 9 tal- Ligijiet.

Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba li f' kaz ta ' ħtija minbarra li ttinflinġi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l -ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta ' l-esperti, jekk ikun il-każ ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba li titratta lill-imputata Yanika Cuschieri bħala reċediva ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 dan b'diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jaqra l-akkuzi u jikkonfermahom bil-gurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Semgħet lill-imputata tiddikjara waqt l-eżami li m'hux ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontriha;

Rat il-kunsens mogħti mill-Avukat Ġenerali biex dan il-każ jinstema' bil-proċedura sommarja għall-fini tal-artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet ix-xhieda kollha;

Rat il-provi kollha u d-dokumenti kollha li ġew prodotti matul is-smigħ tal-proċeduri;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza fit-12 ta' Ottubru 2023;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-imputata qed tiġi mixlija b'serq ta' portmoni għad-detriment ta' Halima Belrhazi minn ġewwa l-istabbiliment 'Green Corner' f'Buġibba fit-22 ta' Marzu 2022.

Halima Belrhazi xehdet li kienet qed tixtri minn ġewwa l-ħanut u kienet poġġiet il-portmoni fil-baskett tagħha. Fil-portmoni kellha flus kontanti fis-somma ta' ċirka €1,000 li kienet għadha kif ġibdet mill-ATM ġewwa San Pawl il-Baħar, kif ukoll €300 oħra. Xehdet ukoll li poġġiet il-baskett tagħha mal-art fir-rokna ħdejn il-ħut u l-kaxxi tal-coca cola u marret tixtri l-ħaxix, iżda xorta waħda kienet viċin u setgħet tara l-baskett tagħha. Dak il-ħin l-imputata li kienet laħqet daħlet fil-ħanut, staqsiet għal felfel u hi wrietha fejn kien u ratha tieħu l-felfel u telqet. Meta marret biex tħallas ma setgħetx issib il-portmoni fil-baskett. Sussegwentement il-Pulizija kienu wrewha l-cameras tal-istabbiliment, fejn rat lill-imputata fil-filmat tieħu l-kartiera minn ġewwa

l-baskett tagħha.  Ikkonfermat ukoll illi l-kartiera ġie ritornat lilha mill-Pulizija iżda ġo fih sabet €540 biss f'kontanti.

Dan il-filmat, li ttieħed minn camera ġewwa l-istabbiliment 'Green Corner', rah ukoll PS 949 Matthew Calleja ġewwa l-ħanut, wara li Halima Belrhazi għamlet rapport fl-Għassa tal-Pulizija tal-Qawra dakinhar stess, 22 ta' Marzu 2022 għall-ħabta tat-2.40 jew 2.45 p.m.  Hu xehed illi deher ċar fil-filmat li kien hemm tfajla li ħadet il-kartiera minn ġo baskett u baqgħet ħierġa 'l barra mill-istabbiliment.  Din it-tfajla għarafha minnufih, minn fuq il-filmat, bħala l-imputata Yanika Cuschieri għaliex kien raha xi tliet darbiet qabel meta marret fl-Għassa tal-Pulizija tal-Qawra ftit ġimgħat qabel biex tagħmel rapport.  Peress li hu kien għaraf il-persuna li serqet il-portmoni, kellu informazzjoni fejn kienet toqgħod, ġewwa Victoria Flats, Flat 1, Triq il-Ħġejjeġ, Buġibba, kważi faċċata tal-istabbiliment fejn saret is-serqa.  Għalhekk dakinhar stess il-Pulizija marru fuq il-post fejn hemmhekk sabu lil Yanika Cuschieri li marret magħhom l-Għassa fejn ikko-operat, rat il-filmat u ammettiet li l-kartiera kienet ħaditha hi.  In segwitu l-Pulizija reġgħu akkumpanjawha fl-appartament tagħha fejn ġabret il-kartiera u marret lura l-Għassa fejn din il-kartiera nfetħet fil-presenza tagħha iżda fiha instabu €540 biss f'kontanti, karta tal-identita' u xi karti oħrajn[1].

Dan kollu jirriżulta mir-rapport tal-okkorrenza Dok. MC1 (NPS 11/POL/1579/2022) li jiddokumenta l-ammissjoni tal-imputata u l-fatt li marret mal-Pulizija lura fl-appartament tagħha biex tiġbor il-kartiera.

Madanakollu, il-Qorti tosserva illi ma jirriżultax mix-xhieda ta' PS 949 Matthew Calleja li l-imputata kienet ingħatat id-drittijiet legali tagħha, speċifikatament id-dritt li tikkonsulta u tiġi assistita minn avukat u d-dritt tas-silenzju, la qabel ġiet mitkellma ġewwa l-Għassa tal-Pulizija, fejn ammettiet li serqet il-kartiera u lanqas in segwitu meta ġiet akkumpanjata fl-appartament tagħha biex tiġbor din il-kartiera u tatha lill-Pulizija.  Għalkemm PS 364 David Borg Grima fix-xhieda tiegħu qal li qabel

[1] Ara wkoll xhieda ta' PS 364 David Borg Grima.

kellmuha ġewwa l-Għassa tal-Pulizija l-imputata kienet ingħatat id-drittijiet legali tagħha u d-dritt tal-avukat, dan ma jirriżultax minn eżami tar-rapport tal-okkorrenza Dok. MC1 liema dokument il-Qorti tistenna li jitniżżel fih il-fatti kollha relevanti għar-rapport u l-investigazzjoni relattiva. *Multo magis* il-fatt li l-persuna suspettata li kkomettiet reat kriminali tkun ġiet mgħarrfa bid-drittijiet legali tagħha u tkun ingħatat ukoll id-dritt li tikkonsulta preventivament ma' avukat, kif ukoll l-eżitu tal-għoti ta' dawn id-drittijiet, ċioe' jekk il-persuna suspettata tkun ipprevalixxiet ruħha minnhom jew le. Għalhekk, il-Qorti m'hi xejn konvinta illi l-istqarrijiet ġew rilaxxati mill-imputata lill-uffiċjali tal-Pulizija, meta dak il-ħin kien diġa' evidenti li hija kellha titqies bħala persuna suspettata, ingħataw bis-salvagwardji kollha li trid il-liġi u bl-osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 355AUA(2) tal-Kodiċi Kriminali.

Din id-dispożizzjoni legali tistabbilixxi dawk l-istanzi li fihom is-suspettat għandu jingħata id-dritt li jikseb assistenza legali:-

*(2) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mingħajr ebda dewmien. Fi kwalunkwe eventwalità, il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mill-mument li sseħħ l-ewwel waħda minn dawn il-ġrajjiet:*

*(a)* ***qabel ma tkun interrogata mill-Pulizija Eżekuttiva jew minn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja fir-rigward tat-twettiq ta' reat kriminali.***
*(b)* ***mat-twettiq minn awtoritajiet investigattivi jew awtoritajiet kompetenti oħra ta' xi att ta' natura investigattiva*** *jew att ta' kollezzjoni ta' evidenza oħra skont is-subartikolu (8)(e);*
*(ċ) mingħajr ebda dewmien wara li tkun ġiet imċaħħda l-libertà.*
*(d) meta tkun ġiet imħarrka sabiex tidher quddiem qorti li għandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, f'qasir żmien qabel ma titressaq quddiem dik il-qorti...* (emfasi tal-Qorti)

Huwa ormai assodat fil-ġurisprudenza in materja li tkun seħħet leżjoni għad-dritt tas-smiegh xieraq tas-suspettat meta dawn id-drittijiet għall-assistenza legali ma jkunux

ingħatawlu, meta jagħmel dikjarazzjonijiet jew atti oħra inkriminatorji fil-kors tal-investigazzjonijiet u meta mbagħad il-qorti tistrieħ fuq din l-evidenza sabiex issib il-ħtija.

Għaldaqstant, il-Qorti ma tqisx li għandha tagħti piż probatorju lil dawn l-istqarrijiet li saru mill-imputata – liema stqarrijiet huma manifestament inkriminanti għaliha - lil PS 949 Matthew Calleja u PS David Borg Grima u tgħoddhom mal-ġabra tal-provi, fosthom, l-ammissjoni li kienet hi li tidher fil-filmat u li serqet il-portmoni mill-baskett tal-kwerelanti. Sejra għalhekk tiskarta kull ħaġa li qalet l-imputata f'dan l-istadju, stante illi din il-konfessjoni saret bi ksur tad-drittijiet tagħha taħt l-Artikoli 355AUA(2) tal-Kap. 9.

Madankollu, jirriżulta illi l-imputata rilaxxat stqarrija oħra lill-Pulizija rigward l-involviment tagħha f'din is-serqa, u dan meta ġiet interrogata mill-Ispettur George Frendo fit-28 ta' Marzu 2022. Jirriżulta illi qabel ġiet interrogata, l-imputata ngħatat id-dritt għall-assistenza legali (Dok. GF2), liema dritt hija rrifjutatu, kif ukoll id-drittijiet legali kollha tagħha kif del resto ikkonferma l-Ispettur George Frendo fix-xhieda tiegħu. Il-Qorti hi sodisfatta li din l-istqarrija, diversament mill-istqarrija preċedenti, ġiet rilaxxata minn Yanika Cuschieri volontarjament[2] u bis-salvagwardji kollha li tagħti l-liġi.

Minn eżami tal-istqarrija tat-28 ta' Marzu 2022, jirriżulta li l-imputata ammettiet li hija serqet il-portmoni minn ġewwa l-ħanut Green Corner fit-22 ta' Marzu 2022: "*rajt dak il-portmoni fejn il-kaxxi tal-ilma u ħadtu*". Stqarret ukoll li kienet serqitu biex bil-flus tħallas xi affarijiet kif ukoll tħallas lura xi dejn li kellha ta' meta kienet silfet xi flus. Meta ġiet konfrontata bil-fatt illi l-kartiera kien fiha biss €540 meta radditha lura lill-Pulizija fit-22 ta' Marzu 2022, l-imputata stqarret li mhux veru li fil-kartiera kien

[2] Id-difiża eżentat lill-Prosekuzzjoni milli tressaq bħala xhud lil PC 1319 Matthew Xuereb biex jixhed dwar il-volontarjeta' tal-istqarrija tal-imputata.

hemm is-somma ta' €1,300 f'kontanti u insistiet li kien hemm is-somma ta' €1,100[3]. Ammettiet ukoll li kienet lesta trodd lura wkoll il-bilanċ tal-flus lid-derubata.

Lil hinn minn din il-konfessjoni skjetta u inekwivoka tal-imputata, il-ħtija tagħha għar-reat ta' serq tal-portmoni ta' Halima Belrhazi fit-22 ta' Marzu 2022, hija affermata mill-immaġini fil-filmati tal-cameras fl-istabbiliment Green Corner ġewwa Triq il-Ħġejjeġ, San Pawl il-Baħar mgħoddi minn Jamie Bonavia, sid l-istabbiliment[4], lil PS 1147 Antoine Fenech u minnu sussegwentement esebit in atti[5]. Il-Qorti rat dawn il-filmati: f'wieħed mill-filmati tat-22 ta' Marzu 2022, osservat lid-derubata Halima Belrhazi tpoġġi baskett ħdejn il-fliexken tal-luminata u ilma li kienu fl-art quddiem il-counter, u ddur mal-ħanut tagħżel il-ħaxix. Wara ftit minuti, tidħol fil-ħanut persuna u ftit wara, waqt li din il-persuna qiegħda tistenna biex tħallas għand il-cashier, tidher tilmaħ xi ħaġa fuq il-fliexken tal-luminata u ilma li kienu quddiemha, preċiżament fil-lok fejn Halima Belrhazi poġġiet il-portmoni. Din il-persuna għamlet diversi sekondi tistenna viċin il-bieb tal-ħanut tħares daqqa lejn din il-ħaġa, u daqqa madwarha, evidentement biex issib l-aħjar opportunita' biex taħtaf l-oġġett, sakemm fl-aħħar xtrat flixkun tal-coca cola u hija u ħierġa mill-ħanut, ħatfet l-oġġett u telqet 'il barra. Din il-persuna tintgħaraf faċilment bħala Yanika Cuschieri, l-imputata odjerna.

Għaldaqstant, kollox magħdud, il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-ħtija tal-imputata għas-serqa li ġiet mixlija dwarha fl-ewwel imputazzjoni, lil hinn minn kull dubju raġjonevoli.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputata ġiet mixlija wkoll, fit-tieni imputazzjoni, li laqgħet għandha ħwejjeġ misruqa ċioe' l-portmoni ta' Halima Belrhazi. Iżda billi l-imputata qed tinstab ħatja tabilħaqq bir-reat tas-serq tal-portmoni ta' Halima Belrhazi, ma tistax tinstab ħatja

[3] In segwitu stqarret li kien hemm €1,080 b'kollox.

[4] CD Dok. AF1, xhieda tal-15 ta' Frar 2023.

[5] Ara xhieda ta' PS 1147 Antoine Fenech, 15 ta' Frar 2023.

wkoll li kkommettiet ir-reat ta' riċettazzjoni fir-rigward tal-istess portmoni. Hu ovvju li din it-tieni imputazzjoni dwar ir-reat ta' riċettazzjoni ngħatat mill-Prosekuzzjoni bħala imputazzjoni alternattiva għar-reat ta' serq u għalhekk, fuq dikjarazzjoni ta' ħtija għar-reat ta' serq, il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Mill-provi jirriżulta li s-serq hu aggravat bil-valur għall-fini tal-artikolu 270 tal-Kap. 9 u taħt il-paragrafu (a) mhux (b) tal-artikolu 279(a) tal-Kap 9, għaliex filwaqt li l-valur tas-somma misruqa jeccedi €232.94, dan il-valur ma jaqbiżx is-somma ta' €2,329.37.

Fir-rigward, il-Qorti bla tlaqliq tgħid li m'hijiex konvinta bil-veraċita' tal-verżjoni ta' Halima Belrhazi li fil-kartiera tagħha meta din insterqet mill-imputata, kellha flus kontanti fis-somma ta' €1,300. Ibda biex meta xehdet quddiem il-Qorti Halima Belrhazi kkonfermat li fil-portmoni kellha €1,000 għaliex kienet għadha kif ġibdtihom mill-ATM ftit tal-ħin qabel. Kien biss iktar tard matul id-depożizzjoni tagħha meta reġgħet ġiet mistoqsija kemm kellha flus u x'iktar kellha fil-kartiera, li d-derubata stqarret li kellha €1,300 ("*kelli elf euro ġbditha cash u kelli 20 20 mort biex niġborhom, €1,300*")[6]. Għall-Qorti dan ma jagħmilx sens għaliex jekk tassew id-derubata kellha €1,000 u "20 20", dawn flimkien jagħmlu €1,040 u mhux €1,300. Barra dan il-fatt illi l-imputata fl-istqarrija tagħha ddikjarat illi fil-kartiera kienet sabet is-somma ta' €1,100 u ċaħdet li kien hemm is-somma ta' €1,300. Il-Qorti tqis illi l-verżjoni tal-imputata li fil-kartiera kien hemm €1,100 hija iktar verosimili anke għaliex din hi kompatibbli mal-istqarrija inizzjali tad-derubata li fil-portmoni kellha €1,000 li kienet għadha kif ġibdet mill-ATM u xi ħaġa żgħira oħra. Għaldaqstant, l-ammont li fadal biex jiġi restitwit lid-derubata mill-flus kollu misruq, hu ta' €560.

Ikkunsidrat;

---

[6] Imbagħad xehdet "*1000 gbidthom mill-ATM u 20€ bdejt niġborhom għax kont se nsiefer...*" – paġna 26 tal-atti proċesswali.

L-imputata ġiet mixlija bl-addebitu tar-reċidiva taħt l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali. Minn ħarsa lejn il-fedina penali tal-imputata jirriżulta li hija diġa' nstabet ħatja preċedentement għal reati kriminali u fil-fatt il-Prosekuzzjoni ressqet fl-atti kopja awtentikata ta' sentenza mogħtija fit-8 ta' Frar 2021 minn din il-Qorti diversament preseduta fejn Yanika Cuschieri li għandha l-istess konnotati bħall-imputata odjerna, instabet ħatja ta' frodi u misapproprjazzjoni u nħarġet fil-konfront tagħha ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata għal tliet snin.

Madankollu, il-Prosekuzzjoni ma ressqitx prova li l-imputata ġiet kundannata preċedentement għal reat kriminali. Is-sanzjonijiet taħt l-Att dwar il-Probation u speċifikatament ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata taħt l-artikolu 22 tal-imsemmi Kap. 446 m'humiex kundanni jew pieni iżda sanzjonijiet. Kemm hu hekk l-artikolu 22 tal-Kap. 446 jiddisponi espressament illi l-ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata tingħata meta *ma jkunx spedjenti li twaħħal piena*", filwaqt illi ordni ta' probation taħt l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tingħata mill-Qorti "*minflok tagħti sentenza dwar il-ħati*". Għalhekk, sentenza fejn il-ħati jitpoġġa taħt ordni ta' liberazzjoni kundizzjonata ma tistax titqies bħala "*kundanna*" għal reat kriminali (jew għal delitt) għall-fini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9.

Barra dan, il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq kopja awtentikata ta' xi sentenza oħra li kkundannat lill-imputata għal reat kriminali u inflīġġiet piena. Huwa assodat fil-ġurisprudenza in materja illi l-fedina penali m'hijiex l-aħjar prova tal-addebitu tar-reċidiva: l-aħjar prova tikkonsisti f'kopji debitament awtentikati ta' sentenzi li fuqhom tinsab imsejsa dan l-addebitu iżda fil-każ in diżamina, hija nieqsa l-prova li qatt kien hemm xi ġudizzju preċedenti li kkundanna lill-imputat għall-kommissjoni ta' reat kriminali.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason James Agius** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut:

*"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` ... l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ...."*

Għaldaqstant, il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-addebitu tar-reċidiva.

Ikkunsidrat;

Għall-fini tal-piena l-Qorti qieset il-fatt illi l-imputata ddikjarat li hi lesta trodd lura l-ammont li kienet diġa' nefqet minnhom, għalkemm jidher li sal-lum il-ġurnata baqgħet ma radditx lura l-bilanċ fis-somma ta' €560. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi skont kif jirriżulta minn eżami tal-fedina penali tagħha, li m'hijiex waħda netta, l-imputata ġiet ikkundannata diversi drabi għal reati kriminali fosthom serq u frodi iżda minkejja l-fatt li minflok piena dejjem ingħatat sanzjoni fil-komunita', hu ovvju li baqgħet qatt ma għarfet tislet il-benefiċċju ta' dawn l-opportunitajiet biex tirriforma ruħha u taqbad it-triq tas-sewwa.

Infatti, il-Qorti tosserva illi fiż-żmien meta wettqet din is-serqa, l-imputata kienet taħt Ordni ta' Probation għal sentejn kif ukoll taħt ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata għal tliet snin, liema żewġ ordnijiet kienu għadhom fis-seħħ. Madanakollu, l-imputata ma ġietx mixlija taħt l-artikolu 23 tal-Att dwar il-Probation (Kap. 446) ċioe' li wettqet ir-reat li qed tinstab ħatja dwaru llum waqt li kienet taħt Ordni ta' Probation u jew Ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata. Iżda l-Qorti sejra tieħu dan in konsiderazzjoni għall-fini tal-piena li għandha tiġi erogata u f'kull każ tqis li fiċ-ċirkostanzi, l-imputata ma jistħoqqilhiex tibbenefika minn sanzjoni fil-komunita'.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni billi din ingħatat bħala alternattiva għall-ewwel waħda u filwaqt li tastjeni wkoll milli tieħu konjizzjoni tal-addebitu tar-reċidiva taħt l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li rat l-artikoli 261(ċ), 267, 279(a) tal-istess Kapitolu 9, qiegħda ssib lil YANIKA CUSCHIERI ħatja tal-ewwel imputazzjoni dwar serq aggravat bil-valur u tikkundannaha sena priġunerija iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk fi żmien sentejn, il-ħatja tikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**Bl-applikazzjoni u għall-fini tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħatja biex tirrestitwixxi lil Halima Belrhazi s-somma ta' ħames mija u sittin Euro (€560), ċioe' il-bilanċ tas-somma misruqa li għandha ma ntradditx lura lid-derubata, u dan fi żmien sitt (6) xhur mil-lum.**

**Ai termini tal-Artikoli 28A(4) u 28H(8) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħatja, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tagħha taħt l-Artikolu 28B jekk hija tikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija jew jekk hija tonqos milli tikkonforma ruħha mad-direttiva għar-restituzzjoni.**

**Billi ma ġewx maħtura esperti fil-proċeduri, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni taħt l-Artikolu 533 tal-Kap. 9.**

**Tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti għall-fini tal-artikolu 28A(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**